**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 17 ta’ Marzu 2016**

Rikors Guramentat Nru. 29/15RGM
Kawza fil-lista: 14

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici fil-11 ta’ Frar 2015 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu fir-Registru Pubbliku fil-Belt Valletta, fit-3 ta' Marzu 2012.

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied.

3. Illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

4. Illi l-kunsens ta' l-attur inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

5. Illi l-attur jaf bil-fatti suesposti personalment.

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant l-attur umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg kuntrattat mill-kontendenti fit-3 ta' Marzu 2012 huwa null u minghajr effett a tenur ta' l-Artikolu 19(1)(6) jew a tenur ta' l-Artikolu 19(1)(f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg, u dan previa kull provvediment iehor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi t-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.

2. Illi l-esponent taqbel mal-ewwel zewg paragrafi tad-dikjarazzjoni attrici.

3. Illi mhux minnu li z-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zewg innifsu jew ta' xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg da parti tal-konvenuta.

4. Illi mhux minnu li l-kunsens tal-attur inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-konvenuta.

5. Illi l-konvenuta ghalhekk tikkontesta t-talba tal-attur. Iz-zwieg mhux null u bla effett.

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

**L-Azzjoni Attrici**

Illi l-partijiet izzewgu fir-Registru Pubbliku nhar it-3 ta' Marzu 2012 u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba tal-attur sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet jigi dikjara null u bla effett fil-ligi ai termini tal-Artikoli 19(1)(c) u 19(1)(f) tal-Kap.

255. Min-naha taghha l-konvenuta qed topponi ghat-talbiet attriciu u tikkontendi illi z-zwieg taghhom huwa wiehed validu.

Il-provvedimenti legali li fuqhom hija msejsa l-kawza odjerna huma s-segwenti:-

**Artikolu 19 (1) tal-Kap 255:**

> *'B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skont xi disposizzjoniji ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*
>
> *- omissis -*
>
> *(c) Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;*
>
> *- omissis -*
>
> *(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.'*

***Il-verzjoni tal-attur***

**L-attur A B** xhed bil-mezz tal-affidavit. Xhed dwar kif iltaqa` mal-konvenuta minn fuq l-internat u bdew jiccettjaw, jitkellmu fuq it-telefon u jibghatu xi ritratti. Jghid li mbaghad giet btala ta' 15-il jum Malta fejn ghexet mieghu f'daru. Jghid ukoll li hu minn dejjem kien jaghmilha cara li xtaq mara li ttih familja u tiddedika ruhha ghat-tfal. Giet ukoll it-tieni darba u wara ftit xhur izzewgu. L-attur jghid *"Izzewwigna mhux ta' bilfors, izda ghax kien hemm l-imhabba bejnietna"* ..imbaghad izid... *"tal-inqas minn naha tieghi zgur."*[1] Jghid pero` li waqt it-tieg il-konvenuta ma' ohtha kienet u ma' ohtha baqghet, u l-ewwel lejl ikkastigatu billi ma komplietx mieghu ghaliex ma kienux telqu x'hin riedet hi.

Jirrakkonta kif il-hajja sesswali taghhom kienet ta' darba fil-gimgha. Jghid li hi kienet minn dejjem tghidlu li ma riditx tfal ghall-bidu. Jghid li mbaghad iddejqet id-dar u bdiet tfittex xoghol u kienu qablu li jahsbu ghat-tfal mis-sena 2014. Jghid pero` li ghalkemm kienet qaltlu li ser tispicca l-pilloli kontracettivi li ghandha u twaqqafhom, hu skopra li kienet baqghet tehodhom. Jghid li ma kienx ihossu stmat bhala zewgha.

[1] Fol 20

Fost affarijiet ohra jghid li f'Dicembru 2013 marru Parigi u hemm hekk hadu pjacir, kienu ferhanin u nhabbu. Jghid li ftit wara li gew lura Malta waqqfu juzaw il-kontracettivi izda xorta ma hargitx tqila. Jghid ukoll li kellhom xi jghidu ghaliex hi riedet tibqa` tahdem wara li jkollhom it-tfal. Jghid li darba kien waqfilha u qalilha li ma kienx ser icedi izjed u hi marret tghix ghand habiba taghha Bugibba.

Jghid li kienet qaltlu li z-zwieg taghhom kien zball u li ma riditx terga` tizzewweg u ma riditx responsabbilta` tat-tfal. Meta staqsiha ghaliex qalet hekk hi qaltlu li ma riditx tfal minn ghandu. Jghid ukoll li meta kien qed jigbor il-bqija tal-affarijiet li halliet warajha, sab soft toy bil-pilloli kontracettivi fih.

**Christian Mallia** fl-affidavit tieghu jghid li hu l-kugin tal-attur u huwa qrib hafna tieghu. Fost affarijiet ohra jghid li kien ftit inkwetat meta l-attur kien qallu li kienu ser jizzewweg wara daqshekk ftit zmien. Jghid ukoll li l-attur kien jiftah qalbu mieghu li kien ikollhom hafna argumenti ghaliex hu xtaq it-tfal u l-konvenuta kienet tipposponi.

In kontro-ezami jikkonferma li xtaqha tibqa` d-dar u tkun mara tad-dar. Rinfaccjat b'xi messaggi li ghaddew bejniethom kemm meta kienu flimkien u kemm wara li hi telqet mid-dar (a fol 72 et seq) huwa jghid fost affarijiet ohra li huwa minnu li kien juza lingwagg vulgari meta kien ikollhom xi jghidu. Jghid ukoll pero` li l-messaggi li fihom ammetta xi zbalji kienu ntizi sabiex jirrangaw l-affarijiet mal-konvenuta u ma kienx jaf x'inhuma l-izbalji li semma hu stess.

***Il-verzjoni tal-konvenuta***

Fix-xhieda taghha l-konvenuta tghid fost affarijiet ohra illi ma' l-ewwel darba li hija giet Malta u ltaqghet mal-konvenut huwa ppoponielha li jizzewgu izda hi rrifjutat. Tghid li wara sitt xhur hija regghet giet u bdiet tghix mieghu, sakemm f'Marzu 2012 huma zzewgu. Tghid li ghall-ewwel sitt xhur kollox kien tajjeb izda mbaghad bdiet tiddejjaq toqghod id-dar wahedha u l-attur kien iridha tibqa` d-dar. Tghid li kien jghir hafna u ma kienx ihalliha tuza l-mezzi pubblici u lanqas tmur il-*confectionery* ta' hdejhom ghaliex ma kienx joghgbu l-hars li kien itiha l-propjetarju.

Dwar tfal tghid li kienu ddiskutew izda hi kienet qaltlu li riditom ta' xi 26, 27 sena. Tghid li kienu jinhabbu u li fil-gurnata tat-tieg taghhom ma kelliex dubji. Tghid li r-Russja kienet tahdem il-Ministeru tas-Sahha u ma kelliex problemi fil-kirja tal-apartament. Tghid ukoll li l-pjan taghha kien li tghix mieghu u hi qaltlu li kienet se tipprova tikkuntentah u tibqa` d-dar pero` ma kinitx ser tiggarantilu li jirnexxilha. Tghid li kienet certa illi thobbu u li ghalkemm kien jghir naqra qabel

iz-zwieg qatt ma tat kaz.

Hija tipprezenta wkoll messaggi li ntbaghtu bejniethom (Fol 46 et seq) u li juru l-affarijiet li kienu jiddiskutu qabel iz-zwieg inkluz it-tfal. Tghid li lejn l-ahhar taz-zwieg kemm l-attur kif ukoll hi riedu jipprovaw ghat-tfal u ghalhekk waqqfet il-kontracettivi. Tghid li telqet f'Mejju 2014 u l-kontracettivi li sab l-attur wara li telqet kienet insiethom wara li waqfet tehodhom.

Tghid li qabel izewgu l-attur kien jghir imma mhux daqs kemm kien jghir wara z-zwieg. Tghid ukoll li kien ikollhom xi jghidu ghaliex hu riedha tibqa` d-dar ghal kollox meta jkollhom it-tfal halli tiehu hsiebhom. Hija kienet qaltlu li se tipprova. Tghid li ppruvat ghal iktar minn sena izda mbaghad hassitha impossibli li tkompli hekk.

**Il-Mertu tal-Kaz odjern**

Il-Qorti ser tghaddi sabiex titratta l-kawzali msejsa fuq is-sub inciz (1) (c) - jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

In tema legali ssir referenza ghal kazistika li titratta is-sub inciz in meritu:-

'Mhux kull qerq dwar il-kwalita’ tal-konjugi jwassal ghall-annullament. Il-ligi tispecifika li sabiex il-qerq iwassal ghall-annullament taz-zwieg irid ikun dwar "xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga". Il-Prim’ Awla fis-sentenza **John Borg vs Paula sive Polly Borg** (22 ta' Mejju 1995) osservat li:- "kieku dak il-paragrafu 19 (1) (c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art. 981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il-propjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg."

Peress li s-sub-inciz in dizamina huwa identiku ghal regolament fil-Kodici Kanoniku issir referenza ghal dak li intqal fix-xoghol ta’ **VViladrich P.J**. intitolat **Matrimonial Consent, Code of Canon Law Annot**[2]: "The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality must be objectively grave and established the partnership of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, properties and ends of

[2]Caparros, E. et al. ed 1993, Wilson and Lafleru, Montreal.

marriage. Therefore those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjual partnership are irrelevant and in this sense, they are merely arbitrary or trivial.”

Issir referenza wkoll ghall-kawza deciza mill-Prim’ Awla fid-9 ta’ Dicembru 2002 fl-ismijiet **Micallef Pierina vs Bentanfous Amor** fejn gie dikjarat fir-rigward tal-kuncett tal-‘qerq’ b’mod generali:

"kwantu ghal 'qerq'...........dan certament hu motiv ta' nullita' tal-ftehim tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981 (1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero' ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi ppruvat (Artikolu 981 (2.) Il-qerq irid ikun tali li jkun jista' jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta'".

Fis-sentenza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale et nomine** gie dikjarat illi "Sabiex ikun hemm nullita' ta' zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixxkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita':

1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;
2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;
3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;
4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;
5. tigi mistura frawdolment sabiex jigi ottjenut il-kunsens matrimonjali;
6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali.

Il-Qrati taghna sostnew li z-zwieg ikun null skond dana is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra **"Fattah, xebba Perry vs Dr A. Mifsud et"** (Prim’ Awla - 22 ta' Novembru 1982).'

Il-Qorti thoss li ghalkemm huwa minnu illi l-partijiet izewgu f'qasir zmien, ma jirrizultax li kien hemm xi qerq ai termini tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq. Li jidher li kien hemm kien nuqqas ta’ zmien veru u proprju fejn il-partijiet setghu verament isiru jafu lil xulxin u jhejju ruhhom ghall-hajja mizzewga. Ma jirrizultax pero` li l-konvenuta qarqet bl-attur. Lanqas ma tirrizulta minnha l-allegazzjoni tal-attur fis-sottomissjonijiet tieghu illi hija giet Malta ghaliex kellha xi problemi gewwa r-Russja u riedet titlaq. Ma ngabitx l-icken prova dwar dan, ghal kuntrarju, mill-iskambju ta' messaggi pprezentat (fol 48-65) jidher li kien l-attur dak li heggeg lill-konvenuta sabiex tigi Malta u konsegwentement sabiex tizzewwgu u mhux vice versa.

Lanqas ma jirrizulta illi hija zzewgitu ghaliex ghogbitha Malta u riedet tibqa` hawn, tant hu hekk illi kellha titubanza inizjalment. Kif jirrizulta mix-xhieda taz-zewg partijiet, kien hemm, almenu ghal perijodu ta' zmien, imhabba u prospetti ghall-futur da parti tat-tnejn li huma, u minkejja nuqqas ta' qbil fuq certi aspetti tal-hajja mizzewga, din il-Qorti ma tirriskontrax l-estremi ghal sejba ta' qerq skond l-Artiklu 19(1)(c).

Din il-kawzali qeghdha ghalhekk tigi respinta.

Il-Qorti ser tghaddi issa titratta l-kawzali msejsa fuq is-sub inciz (1) (f) - jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-Eskluzzjoni Pozittiva taz-Zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-Elementi Essenzjali tal-Hajja Mizzewga jew tad-Dritt ghall-Att taz-Zwieg.

F’dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles vs Atkins Matilde**[3] fejn gie ritenut:

> *'rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu.'*

Il-prokreazzjoni tal-ulied hija aspettativa legittima ta’ hafna ta' min jizzewweg. Decizjoni unilaterali ta’ konjugi bil-habi tal-parti l-ohra mehuda fil-mument li qed jigi celebrat iz-zwieg li ma jkollhomx tfal jivvizzja l-kunsens taz-zwieg.

Jirrizulta mix-xhieda u s-sottomissjonijiet tal-attur illi huwa dan l-element principali, ossia l-prokreazzjoni tal-ulied, dak li skont hu kien nieqes da parti tal-konvenuta. Jirrizulta assodat ukoll illi l-konvenuta, in vista tal-fatt li zzewget ta' eta` relattivament zghira, riedet tistenna xi ftit sakemm ikollhom l-ulied. Mill-iskambju ta' messaggi ta' bejniethom (fol 48-65) jidher ukoll li dan kien argument li ddiskutew qabel iz-zwieg u fl-ebda mument ma jidher li l-konvenuta eskludiet li jkollhom it-tfal. Xtaqet biss li jistennew ftit. Dan jidher li gie accettat ukoll mill-attur ghal perijodu ta' zmien. Jidher imbaghad illi lejn l-ahhar tal-konvivenza kien hemm qbil bejn il-partijiet illi jippruvaw ghat-tfal, u dan johrog kemm mill-affidavit tal-attur kif ukoll mix-xhieda tal-konvenuta.

Fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti ma tresqux provi illi l-konvenuta kienet fil-

[3]Prim'Awla Qorti Civili, 2 ta' Ottubru 2003

mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg eskludiet bil-habi tal-attur li jkollhom it-tfal.

L-attur jissottometti illi filwaqt li huma kienu ddecidew illi jkollhom it-tfal, il-konvenuta kienet qed tiehu l-pilloli kontracettivi bil-mohbi tieghu. Dan jiddeducih ghaliex meta telqet mid-dar, sabilha xi pilloli mohbija go *soft toy*. Il-konvenuta tichad dan u tixhed illi l-pilloli in kwistjoni kienu dawk li kien baqalha meta waqqfithom u kienet insiethom id-dar. Skont l-attur il-fatt li ma kinitx qed tinqabad tqila fix-xhur li ghamlu jippruvaw ghat-tfal huwa indikazzjoni tal-fatt li kienet qieghdha tiehu l-pilloli kontracettivi.

Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-attur. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-kawzali tal-attur f'dan ir-rigward ma giet bl-ebda mod sostanzjata. Jista` jkun hemm hafna ragunijiet ghall-fatt li l-konvenuta ma nqabditx tqila f'dawk il-ftit xhur u zgur illi allegazzjoni bhal dik tal-attur trid tigi ppruvata oltre s-semplici suspetti jew deduzzjonijiet tieghu.

Jirrizulta ukoll mit-testimonjanzi tal-partijiet li huma zzewgu b'imhabba, u ma ngabet ebda prova a sodisfazzjon ta' din il-Qorti la li l-konvenuta kellha motivi oltre dawk sentimentali sabiex tizzewweg lill-attur, u lanqas illi hija eskludiet xi element essenzjali tal-hajja mizzewwga.

Lanqas din il-kawzali ma giet ghalhekk ippruvata.

Il-qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM**[4] fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Mit-testimonjanzi tal-partijiet ma rrizultaw ebda motivi li jindikaw illi fil-mument tal-kontrattazzjoni taz-zwieg, kien hemm xi raguni valida skond il-ligi li jirrendi z-zwieg ta' bejn il-partijiet null u bla effett.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tichad it-talbiet tal-attur.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Imhallef** **Deputat Registratur**

[4]App. Sup. 9 ta' Marzu 1994